L-Università ta' Malta

MATSEC
Examinations Board



# L-Iskema tal-Marki

SEC It-Tagħlim Reliġjuż

**Sessjoni Prinċipali 2024**

L-iskemi tal-marki ppubblikati mill-Bord tal-MATSEC mhumiex intenzjonati li jkunu dokumenti awtonomi. Huma riżorsa essenzjali għal min jikkoreġi, li wara dawn jiġu mmonitorjati permezz ta' proċess ta' verifika sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tal-iskemi tkun waħda konsistenti u preċiża.

Fil-każ ta' skemi tal-marki li jkunu jinkludu tweġibiet jew spjegazzjonjiet mudell, għandu jiġi nnutat li dawn mhumiex maħsuba biex ikunu limitati skont it-tweġibiet mogħtija. Jistgħu jkunu aċċettabbli wkoll varjazzjonijiet u alternattivi. L-eżaminaturi għandhom jikkunsidraw it-tweġibiet kollha fuq il-mertu tagħhom, u f'każ ta' dubju jridu jkunu kkonsultaw mal-Bord tal-MATSEC.

## A. PAPER I

## TAQSIMA A

| Nru tal-mistoqsija | | Tweġiba | Kummenti | Marki |
|---|---|---|---|---|
| 1 | | Fir-Reliġjon (aċċetta wkoll: Knisja, Bibbja) | | 2 |
| 2 | | Rispett lejn kull Reliġjon (aċċetta wkoll rispett lejn: għaqda, toleranza… lejn ir-reliġjonijiet) | | 2 |
| 3 | | San Mattew, San Mark, San Luqa, San Ġwann | 0.5 marka x 4 | 2 |
| 4 | a | Bibbja | 1 marka | 2 |
| | b | Koran | 1 marka | |
| 5 | | Ateiżmu: ċaħda tal-eżistenza t'Alla.<br>Monoteiżmu: twemmin f'Alla wieħed. | | 2 |
| 6 | | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>(Ġrajja MHUX personaġġ)Ġrajja ta:<br>• Abraham;<br>• Ġużeppi;<br>• Mosè;<br>• Kmandameni;<br>• Ġożwè;<br>• David;<br>• Ezilju. | 1 marka x 2 | 2 |
| 7 | | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• iwassal il-Kelma t'Alla;<br>• jitkellem f'ismu;<br>• jgħallem;<br>• iwiddeb;<br>• messaġġier. | | 2 |
| 8 | a | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• l-ewwel dnub;<br>• id-dnub ta' Adam u Eva;<br>• id-dnub tal-bidu;<br>• dnub tan-nisel. | 1 marka | 2 |
| | b | Magħmudija | 1 marka | |
| 9 | a | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• ħallieq;<br>• Sid ta' kollox;<br>• ħalaq kollox tajjeb. | 1 marka | 2 |
| | b | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• fil-quċċata tal-ħolqien;<br>• jieħu ħsieb l-ambjent;<br>• maħluq fuq ix-xbiha t'Alla. | 1 marka | |
| 10 | a | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• Firda mal-bnedmin;<br>• Egoiżmu. | 1 marka | 2 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | b | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• Tilef il-qdusija;<br>• tkeċċa mill-ġenna. | 1 marka | |
| 11 | | • Patt tas-Sinaj<br>• (Kmandamenti – marka biss) | | 2 |
| 12 | | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• volontarjat;<br>• maħfra;<br>• opri tal-ħniena. | 1 marka x 2 | 2 |
| 13 | | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• konsegwenza għall-eternità;<br>• ma jsalvax;<br>• jgħix ħajja tajba biex jixbaħ lil Ġesù. | | 2 |
| 14 | | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• jgħallmu, jiċċelebraw l-Ewkaristija ;<br>• jaħfru d-dnubiet ;<br>• jieħdu deċiżjonijiet;<br>• jgħammdu;<br>• jagħmlu l-mirakli. | 1 marka x 2 | 2 |
| 15 | | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• Alla bħala Missier ;<br>• għamilna wliedu. | | 2 |
| 16 | a | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• Qrar;<br>• Rikonċiljazzjoni ;<br>• Maħfra;<br>• Penitenza. | 1 marka | 2 |
| | b | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• li hu Alla ;<br>• importanza lejn l-ħajja spiritwali.<br>(taċċettax jgħinu biss, mingħajr enfasi fuq il-ħajja spiritwali) | 1 marka | |
| 17 | a | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• Qawmien ta' Ġesù;<br>• rebħ fuq il-mewt;<br>• id-dnub u x-xitan. | 1 marka | 2 |
| | b | Tliet siltiet oħra. | 1 marka | |
| 18 | a | Persuna li qed titgħallem it-tagħlim Nisrani bi preparazzjoni għall-Magħmudija. | 1 marka | 2 |
| | b | Fejn nitgħammdu. | 1 marka | |
| 19 | | Jissemmew **ERBA'** minn dawn li ġejjin:<br>• Ilma;<br>• żejt;<br>• libsa bajda;<br>• xemgħa/blandun. | 0.5 marka x 4 | 2 |
| 20 | | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• nagħrfu dak li Alla diġa għamel magħna;<br>• nwieġbu għal dak li Alla jrid minna; | 1 marka x 2 | 2 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | • (Aċċetta wkoll: ubbidjenza, qatt ma dinbet). | | |
| 21 | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>Nirċievu;<br>• l-Kristu;<br>• Ġesù ħaj;<br>• nirċievu l-ġisem u d-demm tiegħu. | | 2 |
| 22 | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• mezz ta' għixien;<br>• tisħib ma' Alla fil-ħidma tal-ħolqien;<br>• solidarjetà;<br>• żvilupp tal-persuna;<br>• talenti;<br>• esperjenza. | 1 marka x 2 | 2 |
| 23 | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• egoiżmu;<br>• ħsara;<br>• qerda;<br>• tniġġiż. | | 2 |
| 24 | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• Twemmin fil-ħajja ta' dejjem;<br>• premju ta' dejjem;<br>• eternità;<br>• tkun ma' Ġesù;<br>• (Ġenna: 1 marka biss). | | 2 |
| 25 | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>F'idejn:<br>• il-Knisja;<br>• Papa u l-Isqfijiet;<br>• Maġisteru tal-Knisja. | | 2 |
| | | | **Total: 50 marka** |

## TAQSIMA B

| Nru tal-mistoqsija | Tweġiba | Kummenti | Marki |
|---|---|---|---|
| 1 | Jissemmew dawn:<br>Jiktbu l-messaġġ t' Alla, fakultajiet u kapaċitajiet tagħhom, ġabru l-fatti. | | 5 |
| 2 | Jissemmew dawn:<br>Kulħadd jista' jsalva, Alla jħobb lil kulħadd, it-tabib jeħtiġuh il-morda. | | 5 |
| 3 | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• Annunzjata;<br>• viżitazzjoni;<br>• twelid ta' Ġesù;<br>• ħarba lejn l-Eġittu;<br>• tieġ ta' Kana;<br>• passjoni ta' Ġesù. | | 5 |
| 4 | Jissemmew **TNEJN** minn dawn: | | 5 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | • gwerer;<br>• vjolenza;<br>• abort;<br>• ġlied;<br>• qtil;<br>• xorb żejjed;<br>• drogi;<br>• periklu eċċessiv;<br>• sewqan perikoluż;<br>• eżaġerazzjoni fl-ikel u x-xorb. | | |
| 5 | Jissemmew dawn:<br>Miġburin u msakkrin f'kamra, ħoss ta' riħ qawwi, ilsna tan-nar, ħarġu jippridkaw, miraklu tal-lingwi | | 5 |
| | | | **Total: 25 marka** |

## TAQSIMA Ċ

| Nru tal-mistoqsija | | Tweġiba | Kummenti | Marki |
|---|---|---|---|---|
| **1** | a | i. Marija JEW Marija u Marta.<br>ii. Ħabb lil kulħadd, is-Saltna waslet, taffa it-tbatija, jgħin. | 1 marka<br>2 marki | 3 |
| | b | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• fejqan fiżiku u spiritwali;<br>• effetti tas-sagrament;<br>• kuraġġ;<br>• qawwa;<br>• mewta tajba. | 1.5 marki x 2 | 3 |
| | ċ | Jissemmew **TNEJN**:<br>Wiċċ imb wiċċ mal-fraġilità tagħna, mal-misteru tal-mewt tagħna. | 1.5 marki x 2 | 3 |
| | d | Jissemmew **TNEJN**:<br>Magħmudija, Griżma tal-Isqof (LE: Ordni Sagri). | 1.5 marki x 2 | 3 |
| | e | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• Persuna ordnata;<br>• saċerdot .<br>(LE: Djaknu). | | 3 |
| | | | | **Total: 15 marka** |
| 2 | a | "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom, ikunu miżmuma." | | 2 |
| | b | Ferħu. | | 2 |
| | ċ | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• rikonċiljazzjoni;<br>• maħfra;<br>• penitenza. | 1 marka x 2 | 2 |
| | d | 'Jekk ma narax il-marka ta' l-imsiemer f'idejh u ma nqegħedx sebgħi ġol-marka ta' l-imsiemer u idi ġo ġenbu, żgur ma nemminx.' | | 2 |
| | e | Jemmen bla ma jara u jafda f' Alla. | | 2 |
| | | | | **Total: 10 marki** |

## B. PAPER IIA

| Nru tal-mistoqsija | | | Tweġiba | Kummenti | Marki |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | a | i | Jissemmew dawn:<br>• Alla hu l-Awtur prinċipali. Kull kelma mnebbħa minnu;<br>• Messaġġ ta' mħabba li Alla ried u jrid li jwassal lill-bniedem matul is-snin u anke llum;<br>• Hu messaġġ ta' salvazzjoni għal ħajja bi skop u bis-sens, ħajja ta' għaqda, ta' ferħ u paċi ġenwina, fost -oħrajn;<br>• Il-Bibbja hi ktieb "ispirat";<br>• Il-Bibbja trid titqies bħala "Ktieb" wieħed;<br>• Bħala ktieb bla żbalji. | | 10 |
| | | ii | Jissemmew dawn:<br>• Il-kittieba bħala veri awturi;<br>• Nifhmu x'kellhom l-awturi f'moħħhom li jwasslu;<br>• Inkunu nafu sewwa l-lingwa li kitbu biha u allura biex inkunu fidili lejn it-testi oriġinali;<br>• Naraw iż-żmien li fih kitbu, il-post fejn kitbu u għal min kitbu;<br>• Naraw b'liema forom letterarji nqdew biex kitbu;<br>• Naraw il-kuntest tal-ktieb kollu. | | 18 |
| | b | | Isemmu **TLIETA** minn dawn:<br>• Abraham;<br>• Ġakobb;<br>• Ġużeppi;<br>• Mosè;<br>• Ġożwè;<br>• L-Imħallfin;<br>• Sawl;<br>• David;<br>• Salamun;<br>• Il-profeti;<br>• Nabukadnessar;<br>• Ċiru. | | 12 |
| | ċ | | Jissemmew dawn:<br>• Nara kif il-Knisja tħares lejha – bħala l-Kelma t'Alla u allura jixraqilha l-qima tagħha;<br>• Bil-qima u r-rispett;<br>• Bi spirtu ta' smigħ taċ-ċkejken Samwel;<br>• Bil-qalb miftuħa ta' Marija;<br>• Inħalliha tbiddilni;<br>• Fi spirtu ta' talb biex iseħħ djalogu ma' Alla;<br>• Ħsibijieti, xewqati u għemili jkunu skont dak li jrid Alla minni kif | | 10 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | jurini fil-Kelma tiegħu;<br>• Naqraha u nagħmel spazju fiżiku (parti f'xi kamra) u spiritwali għaliha (insib ħin biex nitlob permezz tagħha). | | |
| | | | | | **Total: 50 marka** |
| 2 | a | | Jissemmew dawn:<br>• Il-karba tal-poplu waslet għand Alla;<br>• Mosè kien qiegħed jirgħa l-merħla ta' ħatnu;<br>• Fuq l-Għolja Ħoreb deherlu l-Anġlu tal-Mulej f'ħuġġieġa nar qalb l-għollieq;<br>• Ma kienx jinħaraq imma xorta taqbad;<br>• Alla sejjaħlu mill-għollieq u qallu li ħares lejn it-tbatijiet tal-poplu u li kien ser jibagħtu għand il-Fargħun;<br>• Alla wiegħed lil Mosè li kien ser ikun miegħu;<br>• Qallu, biex jekk il-Fargħun jistaqsih x'jismu Alla, jgħidlu: "Jien li jien". | | 10 |
| | b | i | Jissemmew dawn:<br>• Il-poplu Lhudi kien qiegħed jikber;<br>• Waqa' ġuħ kbir fuq l-art fejn kien jgħix Ġakobb ma' wliedu u dawn marru fl-Eġittu;<br>• Komplew jikbru;<br>• Aktar ma l-Fargħun kien jaħqarhom u jgħakkishom, aktar kienu joktru u jixterdu;<br>• Kienu jitolbu lil Alla tagħhom biex jeħlishom minn din it-tbatija;<br>• Peress li meta kien żgħir, kien meħud fil-palazz tal-Fargħun u bint il-Fargħun kienet tqisu tagħha;<br>• Mosè kien imur jara lil-Lhud jaħdmu u ra t-tbatija li kienu jinsabu fiha;<br>• Għax darba qatel Eġizzjan li kien qiegħed jaħqar Lhudi, kellu jaħrab. Hemmhekk sejjaħlu Alla. | | 12 |
| | | ii | Jissemmew dawn:<br>• Huwa Alla waħdu li min rajh iwettaq il-pjan tal-ħelsien;<br>• Alla hu kbir u għoli – quddiemu nbaxxu rasna u nadurawh;<br>• Alla waħdu hu l-Qaddis, l-Etern u l-aktar Għoli;<br>• Quddiemu u miegħu nqumu mill-qtiegħ il-qalb u nħarsu lejn il-ħajja b'kuraġġ sħiħ. | | 14 |
| | ċ | | Jissemmew dawn:<br>• Ikolli dispożizzjoni li nagħmel dak li Alla jitlob minni;<br>• Infittex modi kif nersaq lejn Alla, fit-talb, fil-qari tal-Bibbja, permezz tas-Sagramenti, fost l-oħrajn;<br>• Napprezza u nuri gratitudni lejn dak li Alla jagħmel miegħi;<br>• Infittex il-verità għaliex Alla hu spirtu u verità fih innifsu;<br>• Inħares 'il quddiem biex dejjem ngħix is-salvazzjoni u nkun mezz | | 14 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | ta' ferħ u tama kull fejn inkun;<br>• Infittex il-gwida ta' Alla, anke permezz tal-bnedmin;<br>• Ikolli fiduċja sħiħa f'Alla. | | |
| | | | | | **Total: 50 marka** |
| 3 | a | | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• Taċitu;<br>• Plinju ż-Żgħir;<br>• It-Talmud;<br>• Ġużeppi Flavju. | | 8 |
| | b | i | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• Ġesù kien persuna b'sentimenti tassew umani;<br>• Ta' għerf kbir u li jinftiehem minn kulħadd;<br>• Ta' onestà straordinarja;<br>• Ta' karattru ħieles, sod u determinat;<br>• Ta' rispett lejn id-dinjità ta' kull bniedem;<br>• Ta' qalb tassew kbira u ġeneruża. | | 16 |
| | | ii | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• Ġesù juri li hu aktar minn bniedem;<br>• Mill-mirakli li kien jagħmel;<br>• Minn għemil ieħor li Alla biss seta' jagħmel bħal jaħfer id-dnubiet;<br>• Mill-kliem li kien jgħid fuqu nnifsu;<br>• Għaliex qam mill-mewt;<br>• Minn dak li tgħallimna l-Knisja. | | 16 |
| | ċ | | Jissemmew dawn:<br>• Inħobb u ngħix kif inħobb bħalma kien iħobb Ġesù – lil kulħadd, anke lil min kien differenti u lill-midinbin;<br>• Nagħżlu bhala l-pedament ta' ħajti – nagħżel kif kieku kien jagħżel hu;<br>• Inħallih jibdilni mill-qiegħ;<br>• Ikun l-ewwel u qabel kollox f'ħajti. | | 10 |
| | | | | | **Total: 50 marka** |
| 4 | a | | Isemmu **TLIETA** minn dawn:<br>• Niksbu l-istima ta' wlied Alla;<br>• Niksbu l-istima ta' aħwa ta' Ġesù;<br>• Niksbu l-istima ta' Tempju tal-Ispirtu s-Santu;<br>• Niksbu l-istima ta' werrieta ta' Alla;<br>• Membri tal-Knisja;<br>• Jinħafer id-dnub tan-nisel. | | 18 |
| | b | | Jissemmew dawn:<br>• Fil-Magħmudija l-Ispirtu s-Santu jagħtina t-twelid tagħna bħala wlied Alla;<br>• Fil-Griżma jsaħħaħ dik l-enerġija u jikkonferma dak it-twelid li nkunu rċivejna ż-żerriegħa tiegħu fil-Magħmudija li jkun kapaċi | | 10 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | jikber lejn maturità sħiħa;<br>• San Pawlu VI jgħid li l-imgħammdin, fil-Griżma:<br>- Jistagħnew b'qawwa speċjali;<br>- Jintrabtu aktar bis-sħiħ mal-Knisja;<br>- Jidħlu fi dmir aqwa.<br>• Inwettqu u l-Ispirtu s-Santu jikkonferma dak li jkun beda fina fil-Magħmudija. | | |
| | ċ | i | Jissemmew dawn:<br>• Nuri ferħ u gratitudni għas-sejħa li rċevejt ta' Nisranija;<br>• Ngħix il-qawwa speċjali billi nkun mudell tassew Nisrani billi nuri kuraġġ ġenwin;<br>• Inħallih ikabbarni u ngħin lil ta' madwari jikbru bħala Nisrani/ja veraċi wkoll;<br>• Ngħin lill-oħrajn isibu f'Ġesù l-mudell tas-suċċess tagħhom;<br>• Nimxi fuq it-tagħlim u l-eżempju ta' Ġesù. | | 12 |
| | | ii | Jissemmew dawn:<br>• Ikolli attitudni ta' tifħir u ringrazzjament bħalma kellu hu għal Missieru;<br>• Infittex li nħallih idawwalli l-kuxjenza bil-valuri skont iċ-ċirkustanzi;<br>• Nifforma u ninforma ruħi fuq it-tagħlim tal-Knisja;<br>• Il-proġetti u d-deċiżjonijiet nibnihom fuq id-dinjità li ksibt mill-Magħmudija u li ssaħħet fil-Griżma tal-Isqof. | | 10 |
| | | | | **Total: 50 marka** | |
| 5 | a | i | Jissemmew dawn:<br>• Is-sejħa naturali ta' kull bniedem hi li jħobb u li jkun maħbub;<br>• Il-miżżewġin għandhom is-sejħa li jgħixu l-imħabba agape;<br>• Iridu jgħixu l-imħabba ġeneruża u diżinteressata ta' Alla;<br>• L-Ispirtu s-Santu li jsawwab fil-qlub tal-Insara jgħinhom kif għandhom iħobbu lil xulxin;<br>• Jgħixu l-imħabba fl-imġiba u fl-atteġġjamenti lejn xulxin u ma' xulxin;<br>• Ikunu mera tal-imħabba li Kristu għandu għall-Knisja tiegħu u allura, fil-mumenti intimi, il-patt naturali jgħaddi għall-patt sagrament;<br>• Is-Sagrament huwa mixja ta' żewġ persuni, indaqs fid-dinjità, fit-triq lejn Alla fejn jaqsmu ħajjithom flimkien;<br>• Iqisu ż-żwieġ bħala vokazzjoni. | | 12 |
| | | ii | Jissemmew dawn:<br>• Jgħixu l-indissolubbiltà għax jgħixu l-għotja sħiħa lil xulxin u għal kollox. Dan jagħmluh sa ma l-mewt tifridhom. L-imħabba ta' bejniethom tikber bla waqfien;<br>• Jgħixu l-fedeltà għax l-ebda parti ma jkollha lil xi ħadd ieħor li | | 12 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | tħobb bl-imħabba tal-miżżewġin u tkun fedeltà b'lealtà fil-moħħ u fil-qalb;<br>• Jgħixu l-unità għaliex ikun hemm għotja sħiħa bejn raġel wieħed u mara waħda, indaqs fid-dinjità u li jagħtu lilhom infushom lil xulxin. | | |
| | b | | Jissemmew dawn:<br>• It-Trinità hi ħaġa waħda fl-imħabba u sħubija – il-komunjoni. Fuq dan il-mudell ifasslu ħajjithom billi jagħtu lilhom infushom lil Alla u dak kollu li għandhom ikun għas-servizz tal-oħrajn;<br>• Ikollhom qalb miftuħa biex jgħixu wkoll is-servizz fl-appostolat tagħhom;<br>• Jgħixu l-ħajja taċ-ċelibat jew tal-verġnità. Dawn jistgħu jkunu katekisti, missjunarji u anke għalliema. | | 14 |
| | ċ | | Jissemmew dawn:<br>• Ikolli tagħrif dwar dak kollu li hu meħtieġ biex jinbena żwieġ fis-sod;<br>• Irid ikolli informazzjoni u taħriġ f'dawk l-atteġġjamenti li jolqtu s-sentimenti, il-morali u l-ħajja spiritwali taż-żwieġ biex:<br>- Nistma lill-persuni l-oħra bid-dinjità tagħhom;<br>- Nikber fil-ħila li niddjaloga b'mod ġenwin u b'fiduċja;<br>- Nitgħallem nintegra l-attivitajiet ta' xejra sesswali skont il-pjan ta' Alla;<br>- Nikber fil-ħila li nkun responsabbli u li jkolli sens ta' sagrifiċċju;<br>- Nagħraf ngħix l-imħabba agape;<br>- Nitgħallem nagħti lili nnifsi.<br>• Fi spiritu ta' talb niddixxerni biex nara għandix is-sejħa għall-ħajja ċelibi u nieħu parir mingħand min jista' jgħinni tassew. | | 12 |
| | | | | **Total: 50 marka** | |

## C. PAPER IIB

| Nru tal-mistoqsija | | Tweġiba | Kummenti | Marki |
|---|---|---|---|---|
| 1 | a | Jissemmew dawn:<br>Tagħi tweġibiet bis-sens għall-mistoqsijiet fundamentali. Hija importanti bħal: pedament li fuqu jrid jitla' l-bini; daqs mappa jew boxxla f'idejn vjaġġatur; bħal dak il-fuel għal-vettura biex tasal minn post għall-ieħor. Ir-Reliġjon tati skop lill-bniedem biex jgħix. | 7 marki | 15 |
| | b | Jissemmew dawn:<br>Iridu jaħsbu b'rashom biss, ma jridx indħil, nuqqas ta' eżempji tajba, diffikultajiet fit-twemmin, tfixkil mis-soċjetà u mezzi soċjali. | 8 marki | |
| 2 | | Isemmu **TLIETA** minn dawn:<br>• Islam;<br>• Buddiżmu;<br>• Induwiżmu; | 5 marki x 3 | 15 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | • Ġudajiżmu. | | |
| 3 | | Jissemmew dawn:<br>Bi spirtu ta' qima, ta' smiegħ, ta' talb, ta' qalb miftuħa | | 15 |
| 4 | | Jissemmew dawn:<br>Wara l-LE tiegħu lil Alla, il-bniedem spiċċa infired minn ma' Alla, minn mal-oħrajn, minn man-natura u miegħu nnifsu. Ġie mkeċċi mill-ġnien li kien qed jgħix fih u spiċċa jgħix fil-miżerja | | 15 |
| 5 | a | Jissemmew dawn:<br>• Alla talab lil Mosè biex imur lura l-Eġittu u jeħles lill-poplu Lhudi mit-tbatija li kien qed jgħix fiha;<br>• Alla qallu li hu mhux se jkun waħdu iżda se jkun miegħu u mal-poplu;<br>• Alla qal lil-Mosè li se jmexxi lill-poplu lejn art tnixxi ħalib u għasel. | 9 marki | 15 |
| | b | Jissemmew dawn:<br>• Bħal Mosè, jiena għandi nafda f'Alla l-Missier;<br>• Nisma' b'attenzjoni xi jrid jgħidli, ma niddubitahx, inħallih imexxini fit-triq li jurini u nemmen li hu jista' kollox;<br>• Bħal Mosè għandi nsemma leħni u naqbeż għal dawk li qed ibatu. | 6 marki | |
| 6 | | Isemmu **TLIETA** minn dawn:<br>Ħafer lill-midinba, fejjaq lill-għama, mar għand Żakkew. | 5 marki x 3 | 15 |
| 7 | | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• Waħda: Għaqda bejn il-membri. Kristu r-Ras, aħna l-Ġisem<br>• Qaddisa: Mwaqqfa minn Kristu, mqaddsa minnu. Taħdem biex tqaddisna. Kulħadd msejjaħ għall-qdusija. Tintlaħaq fil-Ġudizzju Universali<br>• Kattolika: Universali. Kulħadd jista' jkun membru. "Morru fil-ġnus kollha"<br>• Appostolika: Mwaqqfa fuq is-sisien tal-Appostli, fdata lilhom | | 15 |
| 8 | a | Rakkont tal-ġrajja. | 10 marki | 15 |
| | b | Jissemmew dawn:<br>"Mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema." Ġie biex isalva u jagħti ħajja ġdida lil min jidneb. Hu jħobb u jaċċetta lil kulħadd. L-importanti li wieħed jindem, jiddispjaċih u jilqa' l-kelma ta' Ġesù. Hu ġie biex jaħfer u jħabbeb mill-ġdid ma' Alla lil dawk li tbiegħdu minnu. Hu ġie biex jeqred id-dnub. Hu jġib bidla mill-qiegħ fil-personalità tagħna.Aħna għandna nagħmlu bħalu u nkunu lesti li naħfru lill-oħrajn. | 5 marki | |
| 9 | | Jissemmew dawn:<br>• Ġesù jagħti lilu nnifsu.<br>• Permezz tal-ħaruf il-poplu Lhudi kiseb is-salvazzjoni mill-Eġittu.<br>• Issa Ġesù ġie jieħu post il-ħaruf u jagħtina ġismu stess biex ninfdew mill-mewt u nakkwistaw il-ħajja ta' dejjem. | | 15 |
| 10 | a | Ma jwasslux għas-salvazzjoni. Hemm affarijiet ħafna iktar importanti. Bil-flus ma ssirx nies. | 3 marki | 15 |
| | b | Kiseb l-ogħla suċċess li jibqa'. Eżemplari. Għoġob lill-Missier. | 5 marki | |
| | ċ | Tgħix fuq il-passi ta' Kristu. Jkollok il-ferħ f'qalbek. Tgħin, taħfer, | 7 marki | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | tagħder, tgħix sempliċi, tiġġieled l-inġustizzja, ddur bil-morda, taqdi, tafda f'Alla. Tmur il-ġenna. | | |
| 11 | | Jissemmew dawn:<br>• Il-ħajja f'idejn Alla. Ukoll f'waqtiet ta' uġigħ qawwi u tbatija, għandna nersqu b'fiduċja sħiħa lejn Alla u nimitaw lil Ġesù u niftakru kif ġab ruħu meta kien qed ibati.<br>• Il-ħajja tal-bniedem hija prezzjuża.<br>• Anke f'mumenti ta' mard u sofferenza, il-ħajja tal-bniedem trid tiġi rispettata.<br>• Kull forma ta' ewtanasja għandu jiġi kkundanat. | | 15 |
| 12 | | Isemmu **TLIETA** minn dawn:<br>**QERDA:**<br>Qerda tal-kampanja.<br>• Kaċċa bla raġuni.<br>• Żvilupp mhux sostenibbli.<br>• Tniġġis tal-arja.<br>• Xita aċiduża.<br>• Skart industrijali fil-baħar u xmajjar.<br>• Qerda tal-foresti.<br>• Ozone layer.<br>**X'JISTA' JSIR:**<br>• Bilanċ.<br>• Ma jesaġerax.<br>• Mhux passivi.<br>• Jittrasforma n-natura.<br>• Riġenerazzjoni tar-riżorsi u ħlejjaq.<br>• Enerġija nadifa. | 5 marki x 3 | 15 |
| 13 | a | Solidarjetà. Saħħa fl-għaqda. Ġlieda kontra l-inġustizzja. | 3 marki | 15 |
| | b | Isemmu **TLIETA** minn dawn:<br>• Jagħmel xogħolu sewwa.<br>• Ma jiskartax.<br>• Ma jieħux dak li mhux tiegħu (jisraq).<br>• Ikun fil-ħin fuq il-post tax-xogħol.<br>• Ma jabbużax mill-irwol tiegħu jew jabdika minn dak li għandu jagħmel.<br>• Ma' joħloqx tensjoni u instabbilità bejn il-ħaddiema l-oħra.<br>• Jipproduċi daqs kemm hu mħallas għalih.<br>• Jipparteċipa f'seminars u laqgħat li jġibu 'l quddiem lill-ażjenda fejn jaħdem.<br>• Ma jwaqqafx lill-kumpanija milli tagħmel tibdiliet meħtieġa għall-ġid tal-ażjenda nnifisha u tal-ħaddiema li jaħdmu fiha. | 4 marki x 3 | |
| 14 | | Għan Unittiv: Unita. Mħabba. Għaqda. Ġid tal-miżżewġin. | 7 marki | 15 |
| | | Għan Prokreattiv: Ħajja ġdida. Tnissil tal-ulied u trobbija responsabbli. It-tfal huma don. | 8 marki | |
| | | | | **Total: 150 marka** |